MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 214/2003

**Avviz numru 214/03 DM**

**Paul Mifsud
Vs
Mark Pollacco**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma globali ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3,400) mislufa lill-konvenut a tenur ta' l-iskritturi annessi ma' l-avviz, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. L-eccipjenti jirrikonoxxi li huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (800) biss, u ghalhekk it-

talba attrici qieghdha tigi ammessa limitatament ghal dak l-ammont.
2. In kwantu ghall-bilanc ta’ elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600), kif jirrizulta mill-iskritturi esebiti mill-attur flimkien ma’ dana l-avviz, it-talba attrici hija manifestament intempestiva.

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata fl-udjenza tal-lum mill-konvenut;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqsdant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet premessi fl-avviz ihallas lill-attur, is-somma mitluba ta’ tlett elef u erba’ mitt lira Maltin (Lm3,400), bl-imghaxijiet legali b’effett mil-21 ta’ April, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------